# IL-PJAN TAL-LEZZJONI

**Kap 2: Alla Jaħdem fl-Istorja**

**Lezzjoni 2.8: Naħdmu biex inkomplu niktbu l-istorja**

**L-Għanijiet:**



**L-istudenti:**

1. Jirrevedu dak li jkunu semgħu u esperjenzaw fil-lezzjonijiet ta' qabel.
2. Jiftakru b'mod speċjali fl-istorja ta' Jim Elliot.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Powerpoint: ta' 'windsurfer'.

  (wieħed fuq il-mewġ u ieħor waqa');
- Kelma 'determinazzjoni'



## Naqsmu flimkien - Introduzzjoni u diskussjoni tal-bidu



- Ibda billi tfakkar fl-istorja ta' Jim Elliot u ara x'jiftakru mill-ħajja tiegħu.
- Uri l-istampa ta' 'windsurfing'.
- Stieden lill-istudenti jiddiskrivu x'qed jaraw.
- Oħroġ il-punt tal-kuraġġ għal dan l-isport u ta' tbatija u l-isfidi li joffri.
- Irreferi għall-istampa tal-persuna li weqgħet minn fuq il-windsurfer u staqsi jekk jaħsbux li qata' qalbu.
- Oħroġ bir-risposta ta' LE. Għax il-persuna tkun taf għal xiex dieħla meta tiddeċidi li tħaddan dan l-isport.

## Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)



- Oħroġ il-kelma tal-powerpoint: Determinazzjoni u stieden lill-istudeni biex minn dak li semgħu s'issa jiddiskutu x'jaħsbu li tfisser din il-kelma.
- Fakkar li fil-kelma 'determinazzjoni' hemm il-kelma 'determine' li turi li wieħed jieħu deċiżjoni u 'azzjoni' li dak li jkun, wara li jiddeċiedi jagħmel dak li għandu jagħmel.
- Iftaħ il-ktieb tal-attivitajiet 2.6 Aqra u spjega s-silta mgħotija u fuq bażi ta' klassi imla Attività A u B.
- Għal Attività B tajjeb li inti taqra is-siltiet mgħotija.
- Aqra Attività Ċ u oħloq diskussjoni għal din l-attività.

- Agħlaq il-lezzjoni billi tispjega l-fatt li d-determinazzjoni hija f'postha meta l-azzjoni ħa tkun tajba u mhux ħażina.

**Nikbru flimkien (punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Il-qassisin huma dawk li quddiem is-sewwa ma jibżgħux u jkomplu mexjin allavolja jistgħu jbatu.
2. L-Isqof Romero kien qassis f'El Salvador mill-1960 sal-1970 u sar Arċisqof fl-1977. Ħadem ħafna favur id-drittijiet tal-bniedem u kien jitkellem ħafna favur il-fqar u dawk li kien mkassbra speċjalment is-suwed.
3. Kien jitkellem li dawn in-nies kellhom drittijiet bħal kull bniedem ieħor.
4. Dan ġab rabja kbira min-naħa tal-gvern li ma riedx li jkollu din il-kwalità ta' ndħil.
5. Hu ma beża' qatt juri dawn l-inġustizzji u juri bl-iżbalji li kienu qegħdin isiru kontra dawn in-nies.
6. Qatluh meta kien qed iqadddes.



**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**



L-istudenti jkunu kuraġġużi u ma jibżgħux jistqarru li jemmnu f'Ġesù.

**Nitolbu**



Sinjur Alla għinni nkabbar fija d-determinazzjoni li Nħobb lilek fuq kollox u lil ta' madwari għax fihom nara Lilek.